# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 13**

**Rikors numru 8/19 MH**

**Mark Formosa**

**v.**

**Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell tas-Segretarju Permanenti fi Hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex u l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku tas-27 ta' Novembru 2019 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-15 ta' Novembru 2019 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellat;

2. Rat ir-risposta tal-appell ta' Mark Formosa tat-18 ta' Dicembru 2019 permezz ta' liema ssottometta illi s-sentenza appellata hija gusta u tisthoqq li tigi konfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant;

3. Rat l-atti kollha tal-kawza;

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-15 ta' Mejju 2019;

**Ikkunsidrat**

**I. Intempestivita**

5. L-appellanti argumentaw illi hemm element ta' intempestivita` fir-referenza odjerna peress illi tqajjmet eccezzjoni preliminari dwar l-Artikolu 460 li ghadha ma gietx deciza mill-Qorti u ghalhekk ghad m'hemmx pronunzjament dwarha.

6. L-appellat ma ressaq l-ebda argument fir-rigward ta' din il-parti tal-appell tal-intimati.

7. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni rigward din l-eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat:

> "Jiġi nnutat ukoll li l-Avukat Ġenerali ressaq eċċezzjoni preliminari, enumerata 2, fejn jgħid li t-talba għar-referenza kostituzzjonali saret b'mod prematur għax l-eċċezzjoni tal-konvenuti rappreżentanti tal-Gvern fil-kawża Rik 8/18 dwar innullita`' tar-rikors ġuramentat għadha

mhijiex deċiża definittivament. Għal dan il-Qorti twieġeb fl-ewwel lok li tali argument kien imissu tqajjem quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) qabel ma dik il-Qorti ddeċidiet li tilqa' t-talba għar-referenza. Din il-Qorti issa għandha quddiemha kweżit magħmul minn Qorti oħra li hija sejra twieġeb kif mitlub. Fi kwalunkwe każ pero`' jiġi sottolineat li kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jippermettu indaġini tal-Qorti mhux biss f'ċirkustanzi fejn ikun diġa' sar jew qed isir ksur ta' drittijiet fundamentali imma anke fejn il-ksur ikun għadu ma seħħx imma x'aktarx iseħħ. Dan anke sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn ikun tard wisq biex id-drittijiet fundamentali in kwistjoni jiġu protetti jew sitwazzjonijiet fejn iċ-ċittadin ma jkunx jista' jingħatalu rimedju".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Illi s-sentenza appellata inghatat fil-kuntest ta' referenza maghmula lill-ewwel Qorti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) sabiex jigi deciz kwezit rigward jekk l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwiex leziv tad-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali tal-appellat ghal smigh xieraq. Jirrizulta illi l-appellat kien intavola proceduri ta' stharrig gudizzjarju dwar ghemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-Qorti referenti u l-intimati eċċepew in-nullita` tar-rikors guramentat tal-appellat ghaliex skont huma ma kienetx saret id-debita interpellazzjoni mehtiega a tenur tal-ewwel sub-inciz tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 peress illi fir-rikors guramentat kienet saret talba illi ma ssemmietx fil-protest gudizzjarju intavolata mill-appellat.

9. Illi l-eccezzjoni ta' intempestivita hija legalment insostenibbli fi proceduri ta' referenza kostituzzjonali/konvenzjonali, ghaliex la tkun saret ir-referenza lilha il-Qorti hija tenuta tirrispondi. Dan kif jinsbab konfermat

ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Silvio Zammit** (Appell Kostituzzjonali, 13/07/2018) fejn intqal illi:

> "…din il-Qorti bhall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tiddeklina li tezercita l-funzjoni kostituzzjonali taghha gialadarba tkun giet mitluba li twiegeb ghat-talba maghmula mill-qorti referenti fit-termini hekk impostati. Kif diga` ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, meta kwistjoni ta' natura kostituzzjonali titqieghed quddiem il-Prim'Awla fil-funzjoni kostituzzjonali taghha mhux direttament permezz ta' rikors tal-parti li tilmenta bil-ksur ta' jedd fondamentali, izda permezz ta' referenza a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, allura la l-ewwel Qorti u wisq anqas din il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni li tiddeklina li twiegeb ghall-kwezit imqeghda quddiemha, inkluz billi tistenna sakemm il-process kriminali kontra lappellat jinghalaq qabel twiegeb ghar-referenza".

10. Illi ghaldaqstant il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija korretta u dan l-aggravju qed jigi michud.

**Dritt ghal smigh xieraq**

11. Illi l-appellanti argumentaw ukoll illi d-dritt ghall-access ghal qorti m'huwiex wiehed assolut u r-rekwizit impost fl-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa dispozizzjoni ta' ordni pubbliku, huwa legittimu, proporzjonat u bilancjat ghaliex jirrikjedi biss ghaxart ijiem mill-ittra ufficjali jew protest gudizzjarju qabel ma wiehed jiftah kawza kontra l-Gvern. Huma jargumentaw illi dan l-artikolu ghandu ghan legittimu ghaliex huwa intiz sabiex il-Gvern ikollu zmien biex joffri rimedju jew soluzzjoni ghal vertenza li tkun inqalghet mal-privat u jsostnu illi l-Gvern ghandu obbligi u drittijiet li huma differenti minn dawk tal-privat ghaliex

jolqtu fuq is-sigurta u l-ordni pubbliku fl-interess generali u ghalhekk dan l-artikolu hu pjenament gustifikat.

12. L-appellat irribatta illi l-ordni pubbliku ma jista' qatt jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u illi "formal steps" u "time-limits" imposti fir-rigward ta' proceduri gudizzjarji ghandhom ikunu ragonevoli, gustifikati u konformi mad-drittijiet fundamentali. Huwa jsostni illi n-nullita` kontemplata fl-Artikolu 460 isservi biss biex tohloq vantagg favur il-gvern u tostakola lill-individwu billi tpoggi fuqu piz sproporzjonat u twassal biex iggieghelu jerga jiftah l-istess kawza wara li jkun ghamel spejjez inutili.

13. Illi wara li ghamlet referenza estensiva ghall-gurisprudenza kemm tal-qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet sabiex waslet ghad-decizjoni taghha:

> "Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li l-Avukat Ġenerali jipprova jiġġustifika l-ippromulgar tal-artikolu 460 tal-Kap 12 billi jgħid li ma jistax jiġi pretiż li linteressi taċ-ċittadin huma l-istess jew ugwali għal dawk tal-Gvern. Dan għax fil-fehma tal-istess Avukat Ġenerali, l-għan aħħari ta' dan l-artikolu "huwa sabiex jagħti opportunita' lill-Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika li jingħata avviż li persuna beħsiebha tibda proċeduri ġudizzjarji sabiex il-Gvern ikollu żmien joffri rimedju jew soluzzjoni għal vertenza li tkun inqalgħet mal-privat."
>
> "B'reazzjoni għal dan ir-raġunament il-Qorti tissottolinea li tabbraċċja l-prinċipju ġenerali li l-Istat u ċ-ċittadin mhux neċessarjament dejjem jistgħu jitpoġġew f'keffa waħda għal dawk li huma dmirijiet u drittijiet in kwantu hemm ċirkustanzi li jirrikjedu li l-Istat ikollu ċerti privileġġi inerenti mal-qadi tal-funzjoni tiegħu bħal per eżempju fil-każijiet fejn huwa konċess lill-Gvern diskrezzjoni wiesgħa biex jilleġisla bil-għan li jindirizza l-ħtiġijiet varji tas-soċjeta'. Madankollu din id-diskrezzjoni mhijiex assoluta u l-Istat irid xorta jassikura li t-tħaddim ta' din l-istess

diskrezzjoni ikun proporzjonat u jservi għal għan leġittimu u ma jpoġġix liċ-ċittadin f'qagħda sostanzjalment żvantaġġjata meta mqabbla miegħu.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda dubju li l-artikolu 460 tal-Kap 12 jimponi regola proċedurali iebsa li n-non osservanza tagħha għandha konsegwenzi fatali fuq id-dritt taċ-ċittadin li jipproċedi b'kawża kontra l-Gvern.

"Huwa minnu li l-Qrati tagħna, konxji mill-effetti tan-nuqqas t'osservanza ta' dan l-artikolu fuq il-jeddijiet taċ-ċittadini, ifittxu li jagħtu nterpretazzjoni restrittiva lil dan l-artikolu tal-liġi. Iżda dan ma jneħħi xejn mill-fatt li fl-istess waqt il-Qrati tagħna għandhom ukoll idejhom marbutin fis-sens li –
"a) dan l-artikolu huwa applikabbli b'mod tassattiv u lanqas il-persuni li favurihom japplika ma jistgħu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux iżjed dwaru;
"b) in-nuqqas ta` osservanza tal-provvedimenti ta` l-Art. 460 in kwistjoni mhux talli jġib miegħu l-piena tan-nullita`` ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri, iżda jġib miegħu ukoll in-nullita` ta` kull att relattiv u sussegwenti;
"c) l-artikolu jikkostitwixxi privileġġ procedurali a favur il-Gvern biss u huwa wieħed ta` ordni pubbliku li jista' jitqajjem anke mill-Qorti ex ufficio;
"d) Id-diċitura stretta tal-artikolu 460 tiddetta b'mod ċar u inekwivoku li nterpellazzjoni b'att ġudizzjarju li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ma tissodisfax il-vot tal-liġi u timpedixxi l-bidu ta' azzjoni kontra l-Gvern. Addirittura, il-leġislatur speċifikatament uża kliem bħal "ippreżentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li kif stqarru l-Qrati tagħna f'diversi okkażjonijiet, jirriflettu ampjament l-intenzjoni tal-leġislatur li l-kawżi ppreżentati li ma jirrispettawx id-dettami riġidi tal-artikolu in eżami "jintlaqtu mortalment mill-bidunett" tant li lanqas biss imisshom jitħallew jitressqu mir-Reġistratur tal-Qrati;
"e) Lanqas il-fatt waħdu li tintbagħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kontra l-Gvern entro t-terminu stipulat mhi suffiċjenti biex tkun valida skont l-art 460 stante li kif ikompli jgħid l-istess artikolu, jeħtieġ ukoll li "l-pretensjoni jew ittalba tiġi mfissra b`mod ċar". Dan ikompli jżid mal-piż u r-responsabbilta' li għandu jġorr iċ-ċittadin qabel jibda kawża kontra l-Gvern stante li jekk Qorti ssib li talba jew interpellazzjoni fi protest jew ittra uffiċjali ma tfissirx sewwa x`inhu l-ilment u t-talba, għal darb'oħra ċ-ċittadin jerġa' jsib ruħu mċaħħad milli javvanza l-każ tiegħu kontra l-Gvern ġewwa l-Qrati;
"f) Kif diġa' ġie dikjarat mill-Qrati f'aktar minn okkażjoni waħda huma limitati ħafna ċ-ċirkustanzi li fihom l-artikolu in eżami jippermetti eċċezzjonijiet għar-regola. Infatti jirriżulta li l-uniċi azzjonijiet kontra l-Gvern li jaqgħu il' barra mill-giljottina tal-artikolu 460 huma dawk li jissemmew b`mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta` dak l-artikolu. Mill-bqija, kull azzjoni oħra li mhijiex inkluża fil-lista msemmija taqa` fl-ambitu tas-sub-artikolu (1) u allura neċessarjament trid tintbagħat interpellazzjoni ġudizzjarja permezz ta' ittra uffiċjali jew protest u jridu

jiskorru għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew l-awtorità jew persuna msemmija fl-artikolu qabel tinfetaħ kawża kontrihom;
“g) Addirittura, kif ikompli jipprovdi s-subartikolu (3) tal-artikolu 460, kawżi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-seħħ mandat ta’ inibizzjoni ukoll igawdu minn vantaġġ proċedurali in kwantu l-leġislatur jimponi li dawn għandhom jinstemgħu mill-Qorti b’urġenza u bi preferenza għal kawżi oħra.

“Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti hija tal-fehma ferma li ċ-ċirkustanzi tal-każ odjern huma tali li aktarx ser iwasslu għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur kemm minħabba nuqqas t’aċċess effettiv għallQorti kif ukoll minħabba inequality of arms. Infatti, għall-Qorti l-attur Mark Formosa diġa’ sab ruħu a priori żvantaġġjat b’mod sproporzjonat proċeduralment fuq żewġ binarji –
“(i) għas-sempliċi fatt li l-kawża li fetaħ hija kontra l-Gvern u mhux kontra ċittadin privat u għalhekk huwa kien kostrett li josserva d-dettami riġidi u rigorużi tal-artikolu 460 tal-Kap 12 kif osservat aktar ‘il fuq; u
“(ii) għax jekk jinstab li huwa ma jottemprax ruħu ma’ dak kollu li jgħid dan ilprovvediment tal-liġi ser ikun qed jiffaċċja konsegwenzi fatali għall-każ tiegħu b’dana li jitlef id-dritt li javanza l-każ tiegħu il-Qorti u għalhekk id-dritt sostantiv minnu reklamat jiġi saġrifikat u mxekkel minħabba regola proċedurali.

“Għalhekk il-Qorti ssaqsi “fejn hi l-equality of arms??”. Għall-Qorti ma hemm ebda ġustifikazzjoni leġittima u proporzjonata għall-fatt li l-Gvern ikkonċeda arbitrarjament, unilateralment u gratuwitament lilu nnifsu dan il-privileġġ proċedurali bl-iskuża, kif jargumenta l-Avukat Ġenerali, li l-Gvern ikollu żmien biex joffri rimedju jew soluzzjoni għall-kwistjoni li tkun inqalgħet. L-istess argument se mai seta’ jgħodd ukoll a favur kwistjonijiet li jinqalgħu bejn ċittadini privati fis-sens illi li kieku ċittadin ikun avżat minn qabel b’ittra uffiċjali jew protest anke huwa jkollu l-opportunita’ li jasal għal soluzzjoni jew joffri rimedju lill-kontro-parti.

“Għalhekk il-Qorti ma tara ebda loġika u ġustifikazzjoni f’dan ir-raison d’etre tal-vantaġġ proċedurali mogħti mill-leġislatur lill-Gvern biss mill-punto di vista ta’ equality of arms. Aktar preokkupanti minn hekk hija s-sitwazzjoni partikolari li sab ruħu fiha lattur Formosa fejn effettivament huwa ottempra ruħu mat-terminu mpost millartikolu 460 tal-Kap 12 qabel fetaħ il-kawża Rik 8/18PC kontra l-Gvern tant li huwa bagħat protest ġudizzjarju lill-partijiet li mbagħad spiċċaw konvenuti fil-kawża. Iżda l-attur xorta huwa rinfaċċjat b’eċċezzjoni preliminari li qed titlob dikjarazzjoni ċara ta’ nullita`’ tar-rikors ġuramentat tal-attur. Dan għax fil-fehma tal-konvenuti rappreżentanti tal-Gvern, il-kontenut tal-protest ġudizzjarju Nru 28/17 ma jirrispettax ir-rekwiżit tal-artikolu in kwistjoni li jesiġi li “lpretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b’mod ċar”. Jiġifieri bħala fatt, dan ifisser li jekk il-Qorti tal-Maġistrati, fl-applikazzjoni tad-dettami tal-artikolu tal-liġi mpunjat, tasal għall-konklużjoni li l-protest ġudizzjarju imsemmi ma jissodisfax il-vot tal-liġi allura l-kawża tal-attur tiġi stronkata ab initio mingħajr ma’ l-attur ikollu ċ-ċans javanza aktar ‘il quddiem il-każ tiegħu. Tenut kont il-prinċipji ġurisprudenzjali li jirriżultaw

> dwar l-artikolu 460 tal-Kap 12 hemm probabilta' reali li tista' twassal biex l-attur Fomosa jara l-każ ċivili tiegħu mitfugħ il-barra mill-ewwel sempliċiment għax jista' jinstab li fil-protest ġudizzjarju ma fissirx it-talba tiegħu b'mod ċar biżżejjed. Dan ukoll bi ksur pależi tal-aċċess effettiv tiegħu għall-Qorti peress li minħabba f'hekk ikun ser jitlef iċ-ċans li jipproċedi ulterjorment bil-provi tiegħu dwar il-lamenteli li ressaq fil-kawża ċivili.
>
> "Tali probabbli konsegwenzi fil-konfront tal-attur jikkostitwixxu fil-fehma tal-Qorti l-iżvantaġġ spoporzjonat u l-undue hardship li l-art 6 (1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni jridu jevitaw meta jiggarantixxu l-protezzjoni għad-dritt t'aċċess għall-Qorti u l-equality of arms".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

### I. Dritt ghall-access ghal-Qorti

14. Id-dritt ghall-access ghal qorti gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet **Golder v. The United Kingdom** (QEDB, 21/02/1975), fejn gie deciz illi dan id-dritt huwa aspett inerenti tad-dritt ghal smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan b'mod partikolari b'referenza ghall-principji tas-saltna tad-dritt u l-prevenzjoni tal-ezercizzju ta' poter arbitrarju li huma principji fondamentali li fuqhom hija mibnija il-Konvenzjoni.

15. Ili ciò nonostante, id-dritt ghall-access ghall-qorti m'huwiex minghajr eccezzjoni jew limitu, u huwa suggett ghar-regolazzjoni mill-Istat li jgawdi minn certu marginu ta' diskrezzjoni f'dan il-kuntest.[1] Fil-

[1] Ara per ezempju **Lupeni Greek Catholic Parish Church and others v. Romania** (QEDB, 29/11/2016); **Louli-Georgopoulou v. Greece** (QED, 13/03/2017); **Naït-Liman v. Switzerland** (QEDB, 15/03/2018).

gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gie rikonoxxut illi dispozizzjonijiet legislattivi li jistabilixxu u jirregolaw termini legali u proceduri formali li individwu jehtieg josserva meta jintavola azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv "…are aimed at ensuring a proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty".[2] Illi, pero``, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Zubac v. Croatia** (QEDB, 05/04/2018):

> "…the right of access to a court is impaired when the rules cease to serve the aims of legal certainty and the proper administration of justice and form a sort of barrier preventing the litigant from having his or her case determined on the merits by the competent court (see, for instance, Kart v. Turkey [GC], no. 8917/05, § 79 in fine, ECHR 2009 (extracts); see also Efstathiou and Others v. Greece, no. 36998/02, § 24 in fine, 27 July 2006, and Eşim v. Turkey, no. 59601/09, § 21, 17 September 2013)".

16. Inoltre, intqal fis-sentenza **Stubbings v. The United Kingdom** (22/10/2006) illi

> "…a limitation will not be compatible with Article 6 para. 1 (art. 6-1) if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see the Ashingdane v. the United Kingdom judgment of 28 May 1985, Series A no. 93, p. 24, para. 57 and, more recently, the Bellet v. France judgment of 4 December 1995, Series A no. 333-B, p. 41, para. 31)".[3]

17. Illi barra minn hekk, ghalkemm limitazzjonijiet ghad-dritt ta' access ghal qorti huma b'mod generali permessi, dawn il-limitazzjoni

---

[2] **Cañete de Goñi v. Spain** (QEDB, 15/10/2002).

[3] Ara wkoll f'dan is-sens: **Ashingdane v. The United Kingdom** (QEDB, 28/05/1985); **Fayed v. The United Kingdom** (QEDB, 21/09/1994); **Markovic and Others v. Italy** (QEDB, 14/12/2006); **Momčilović v. Croatia** (QEDB, 26/03/2015); **Naït-Liman v. Switzerland** (QEDB, 15/03/2018).

m'ghandhomx ikunu tali illi ifixxklu l-essenza innfisha tad-dritt. Dan kif gie kkonfemat fis-sentenza fl-ismijiet **Berger v. France** (QEDB, 03/12/2002) fejn intqal illi:

> "…these limitations must not restrict or reduce a person's access in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired; lastly, such limitations will not be compatible with Article 6 § 1 if they do not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see, among other authorities, Tolstoy Miloslavsky v. the United Kingdom, judgment of 13 July 1995, Series A no. 316-B, pp. 78-79, § 59, and Bellet v. France, judgment of 4 December 1995, Series A no. 333-B, p. 41, § 31)".[4]

18. Il-Qorti taghraf illi huwa minnu illi, b'mod generali, dispozizzjonijiet bhal dik in ezami jservu skop legittimu u pubbliku, u tqis illi, b'mod specifiku ghal kaz in kwistjoni, l-ghan li l-gvern jinghata zmien sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni ilmentata mill-individwu huwa wiehed legittimu peress illi jaghmilha possibli li individwu jinghata rimedju ghall-ilment tieghu minghajr il-htiega illi jintavola azzjoni gudizzjarja li jservi kemm l-interessi tal-individwu u kif ukoll l-interess tal-pubbliku in generali minhabba t-tnaqqis tal-volum ta' kawzi pendenti quddiem il-qrati.

19. Illi, pero``, m'huwiex bizzejjed illi din id-dispozizzjoni ikollha ghan legittimu. Jehtieg ukoll illi jkun hemm proporzjonalita` bejn ir-regoli stabbiliti f'din id-dispozizzjoni u l-ghan legittimu illi din id-dispozizzjoni trid tilhaq. Sabiex jigi determinat jekk ir-restrizzjoni ghad-dritt t'access ghall-

---

[4] Ara wkoll: **Maširević v. Serbia** (QEDB, 11/02/2014). Ara wkoll: **Momčilović v. Croatia** (QEDB, 26/03/2015).

qorti hijiex konsonanti mad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tal-individwu, l-ezami li jrid isir mill-Qorti irid ikun wiehed li jiehu in konsiderazzjoni l-isfond legali u fattwali li fih id-dispozizzjoni impunjata tkun topera. Ghalhekk, anke l-mod kif il-qrati jkunu interpretaw id-dispozizzjoni impunjata huwa relevanti fil-kuntest ta' dan l-ezami, sabiex jigi iddeterminat jekk kienx hemm element ta' prevedibilita u certezza legali fl-interpretazzjoni ta' dawn ir-regoli, u jekk il-qrati ikunux adoperaw formalizmu ezagerat illi finalment wasal sabiex ikun hemm tkasbir tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu ghaliex l-artikolu impunjat ikun ittiehed lil hinn mill-ghan legittimu illi r-restrizzjonijiet fih imposti jkunu ntizi li jservu.[5] Il-Qorti tosserva illi gie deciz illi f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju dwar ghemil amministrattiv il-formalizmu eccessiv huwa inaccettabli.[6]

20. Il-Qorti rat illi l-ewwel Qorti ghamlet l-analizi mehtiega tal-isfond legali u fattwali li fih jopera l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'analizi sostanzjali tal-gurisprudenza relattiva ghall-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu. Il-Qorti tosserva illi dan l-artikolu jinvolvi

---

[5] Ara per ezempju: **Pérez de Rada Cavanilles v. Spain,** (QEDB, 28/10/1998); **Miragall Escolano and Others v. Spain** (QEDB, 25/01/2000); **Sotiris and Nikos Koutras ATTEE v. Greece** (QEDB, 16/11/2000): "*Litigants should expect the existing rules to be applied. However, the rules in question, or the application thereof, should not prevent persons amenable to the law from availing themselves of an available remedy*."; **Běleš and Others v. the Czech Republic** (QEDB, 12/11/2002): "…*in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention*"; **Nowinski v. Poland** (QEDB, 20/10/2009); **Poirot v. France** (QEDB, 15/12/2011); **Miessen v. Belgium** (QEDB, 18/10/2016) ; **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Greece** (QEDB, 29/11/2016) **Zubac v. Croatia,** *op. cit.*; **Fraile Iturralde v. Spain** (QEDB, 07/05/2019).

[6] **Sotiris and Nikos Koutras ATTEE v. Greece** (QEDB, 16/11/2000).

mhux biss regola t'applikazzjoni cara u oggettiva, u cioe` l-impozizzjoni ta' terminu legali u rekwizit ta' prezentata ta' atti gudizzjarji specifici, izda wkoll element aktar soggettiv li jinneccesita certu ammont ta' interpretazzjoni gudizzjarja, u cioe` ir-rekwizit illi l-individwu ifisser il-pretensjoni jew talba tieghu "b'mod car". Ghalhekk analizi tal-gurisprudenza tal-qrati hija krucjali ghaliex titfa dawl fuq il-mod kif dan l-artikolu verament jopera fis-sistema legali nostrana.

21. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatt wahdu illi persuna li trid tiftah kawza kontra l-Gvern trid l-ewwel nett tipprezenta ittra ufficjali jew protest gudizzjarju u taghti ghaxart ijiem zmien lil Gvern mill-prezentata tal-ittra qabel ma tintavola proceduri gudizzjarji m'huwiex leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ir-regola hija cara u accessibbli, u ma tressqet l-ebda prova li twassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-prezentata ta' ittra ufficjali/protest gudizzjarju u t-terminu ta' ghaxart ijiem imposti mill-ligi huma sporporzjonalment oneruzi fil-konfront tac-cittadin, jew joholoqu riskju ta' xi pregudizzju sporporzjonat jew irrimedjabbli fil-konfront tieghu. Illi filfatt, l-Artikolu 460 stess jezenta numru ta' proceduri kontra l-Gvern minn dan ir-rekwizit, inkluz proceduri relattivi ghal ilmenti dwar lezjoni ta' drittijiet fundamentali u wkoll f'kazijiet ta' urgenza. Fil-fehma tal-Qorti dan juri illi meta l-legislatur fassal din ir-regola ittenta illi johloq bilanc bejn l-interess privat tac-cittadin illi jkollu ilment kontra xi imgieba ta' entita governattiva, u l-interess u l-ordni pubbliku.

22. Illi madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti il-legislatur naqas milli jikseb il-bilanc rikjest fejn si tratta tal-konsegwenzi ghan-nuqqas ta' aderenza mar-rekwiziti imposti f'dan l-artikolu. Ghalkemm huwa minnu illi l-formalitajiet imposti f'dan l-artikolu m'humiex partikolarment oneruzi, u lanqas ma huma l-unici kazijiet fejn il-ligi timponi dawn it-tip ta' formalitajiet qabel l-intavolar ta' kawza, il-konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-individwu illi josservahom, u cioe` l-nullita` tal-att, hija devastanti ghaliex, specjalment f'kazijiet ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A, tista' twassal ghat-telfien permanenti tad-dritt ghal stharrig fil-mertu tal-ilment tac-cittadin. Il-Qorti taccetta illi l-ghan li ghalih huwa mahsub dan l-artikolu huwa wiehed necessarju u fl-interess pubbliku, pero` ssibha difficli tifhem kif sanzjoni tant severa u odjuza hija wkoll necessarja u fl-interess pubbliku, u filfatt l-ebda gustfikazzjoni ghaliha ma tressqet mill-appellanti.

23. Mill-analizi illi ghamlet l-ewwel Qorti tal-gurisprudenza relattiva ghal dan l-artikolu, jirrizulta, kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, kemm illi hemm nuqqas ta' certezza legali minhabba illi l-ezistenza ta' gurisprudenza konfliggenti fir-rigward ta' dan l-artikolu, u kif ukoll element ta' formalizmu eccessiv[7] tant illi skont il-gurisprudenza tal-qrati lanqas

[7] Ara wkoll f'dan is-sens **Paul Gauci pro et noe Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali noe** (PA, 09/07/2019): "Sfortunatament il-Qrati tagħna mhux dejjem segwew din il-linja. Għall-kuntrarju, kultant ħadu pożizzjoni estrema, u mhux talli ppronunzjaw innullita`, imma wkoll addirittura l-ineżistenza tal-atti ppreżentati mingħajr ilpreavviż preventiv, u dan mhux biss fil-konfront tal-amministrazzjoni pubblika, imma wkoll fil-konfront ta' konvenuti privati li jkunu ġew

biss huwa permess ghal Gvern illi jirrinunzja ghan-nullita` imposta f'dan l-artikolu, u aghar minn hekk hemm gurisprudenza illi tissugerixxi illi n-nullita` imposta f'dan l-artikolu hija ta' portata tali illi fejn individwu ma jkunx aderixxa ruhu strettament mar-rekwiziti ta' dan l-artikolu, ir-rikors guramentat tieghu lanqas biss ghandu jigi accettat mir-registratur, b'mod illi lanqas biss jasal quddiem il-qorti. Inoltre, kif jidher mill-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti, hemm sahanistra sentenzi li jsostnu illi n-nullita` tolqot anke l-azzjoni fil-konfront ta' cittadini ordinarji li jkunu gew intimati fil-kawza flimkien mal-Gvern, nonostante l-fatt illi m'hemm l-ebda htiega fil-ligi illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 460 jigu osservati anke fir-rigward tac-cittadin ordinarju meta xi hadd mill-intimati ikun entita governattiva.

24. Illi ghalkemm l-ghan illi l-Gvern jigi notifikat bl-allegati nuqqasijiet tieghu sabiex jinghata l-opportunita li jirrmedjahom huwa wiehed legittimu u permissibli, is-sanzjoni ta' nullita`` imposta f'dan l-artikolu anke ghall-icken nuqqas fl-osservanza tar-regoli imposti, partikolament meta moqrija fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati li mhux biss hija inkonsistenti izda aghar minn hekk li frekwentement ixxaqleb lejn formalizmu eccessiv, twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni illi din is-sanzjoni tmur oltre mill-ghan illi dan l-artikolu huwa intiz li jservi u tiehu aktar is-sura ta' ostakolu ghall-otteniment ta' rimedju da parti tac-cittadin ghall-pretensjoni tieghu

imħarrkin flimkien magħha. Pożizzjoni li Mħallfin oħra m'aċċettawx. Dan apparti li n-nullita` hija odjuża għaliex twassal għall-multiplikazzjoni tal-kawżi – dak li l-leġisatur ried jevita bil-mezz tal-avviż preventiv – u wkoll f'ċerti każijiet – bħal fil-każ preżenti fejn l-azzjoni trid issir qabel ma jgħaddi terminu dekadenzjali – għal telf permanenti ta'dritt sostantiv;"

fil-konfront tal-Istat. Il-konsegwenza ta' nullita`` prevista mill-ligi, mehuda flimkien mal-formalizmu esagerat li bosta drabi jigi adoperat mill-qrati, iwassal ghar-riskju mhux biss ta' multiplicita tal-kawzi, li suppost qed jigu evitati permezz ta' dan l-artikolu, izda wkoll it-telfien permanenti ta' jedd sostantiv da parti tac-cittadin li kif jirrizulta mill-gurisprudenza citata aktar il-fuq huwa impermissibli ghaliex limitazzjonijiet ghad-dritt ta' access ghall-qorti ma jistghux ifixxklu l-essenza innifsha ta' dan id-dritt. Dan multo magis f'kawzi ta' stharrig gudizzjarju fejn l-Artikolu 460 jista' jkollu konsegwenzi devastanti fuq ic-cittadin billi, in vista tat-terminu ta' dekadenza qasir ta' sitt xhur, iwassal ghal konsegwenza li l-kwistjoni fil-mertu ma tigi mistharrga qatt.

25. Illi in vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi hemm sproporzjon bejn il-konsegwenza tan-nuqqas ta' adezjoni mar-rekwiziti tal-Artikolu 460, u cioe` n-nullita`` tal-att, u l-ghan legittimu illi dan l-artikolu huwa mahsub sabiex iservi. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Artikolu 460 jista' jwassal ghal lezjoni tad-dritt tal-appellat ghall-access ghal qorti ghandha tigi kkonfermata, ghalkemm dan limitatament ghar-ragunijiet spejgati f'din is-sentenza.

**II. Dritt ghall-ugwaljanza tal-armi**

26. L-ugwaljanza tal-armi hija element fundamentali fil-kuncett ta' smigh xieraq u tirrikjedi li jkun hemm bilanc gust ("fair balance") bejn il-

partijiet, u cioe` illi l-partijiet jinghataw opportunita ragonevoli u sostanzjalment komparabbli illi jipprezentaw il-pozizzjoni taghhom quddiem il-qorti taht kundizzjonijiet li ma jpogguhomx fi zvtanagg sostanzjali vis-à-vis il-parti l-ohra.[8]

27. Illi huwa rikonoxxut li d-drittijiet derivanti minn dan il-kuncett m'humiex assoluti u minn studju tal-gurisprudenza fuq il-materja jirrizulta illi l-Istat ghandu certu marginu ta' apprezzazzjoni sabiex jillimita dan id-dritt fejn dan ikun necessarju sabiex tinghata precedenza lil xi interess nazzjonali superjuri.[9] Dak li huwa essenzjali huwa li c-cittadin ma jitpoggiex f'pozizzjoni manifestament zvantaggjata fil-konfront tal-parti Statali. Fejn per ezempju il-ligi domestika kienet timponi termini differenti ghall-Istat u ghac-cittadin ordinarju sabiex jintavolaw l-appell taghhom, gie deciz illi d-differenza fit-terminu ghall-prezentata tal-appell ma kienx icahhad lic-cittadin ordinarju minn rimedju li kien disponibbli lill-Istat izda kien sempliciment jimponi formalitajiet u termini differenti b'konsegwenza illi ma kienx leviz tad-dritt ghall-ugwaljanza tal-armi.[10] Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Wynen and Centre Hospitalier Interregional Edih-Cavell v. Belgium** (QEDB, 05/11/2002):

> "The Court reiterates that Article 6 of the Convention does not prevent the Contracting States from regulating access to appellate courts (see, mutatis mutandis, Levages Prestations Services v. France, judgment

[8] Ara per ezempju: **Krcmar and others v. The Czech Republic** (QEDB, 03/03/2000); **Avotiņš v. Latvia** (QEDB, 23/05/2016); **Regner v. The Czech Republic** (QEDB, 19/09/2017).
[9] Ara per ezempju: **Ternovskis v. Latvia** (QEDB, 29/04/2014); **Miryana Petrova v. Bulgaria** (QEDB, 21/07/2016); **Regner v. The Czech Republic** (QEDB, 19/09/2017).
[10] **Guigue & SGEN-CFDT v. France** (QEDB, 06/01/2004).

> of 23 October 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-V, pp. 1544-45, § 48), for example by laying down rules on time-limits with a view to ensuring the proper administration of justice (see Bricmont v. Belgium, no. 10857/84, Commission decision of 15 July 1986, DR 48, p. 106, and Welter v. Sweden, no. 11122/84, Commission decision of 2 December 1985, DR 45, p. 246)".

28. Il-Qorti tosserva inoltre illi fuq it-tema ta' privileggi procedurali koncessi mill-ligi lill-Istat intqal illi:

> "It is true that such a privilege may be justified for the protection of the legal order. However, it should not be applied so as to put a party to civil proceedings at an undue disadvantage vis-à-vis the prosecuting authorities".[11]

29. Illi fil-fehma tal-Qorti l-formalitajiet procedurali imposti fl-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jwassalux minnhom innifsihom ghal nuqqas ta' ugwaljanza bejn il-partijiet. Illi pero`, kif intqal aktar il-fuq, is-sanzjoni ta' nullita` prevista f'dan l-artikolu ghal kwalunwke nuqqas fl-osservanza ta' dawn il-formalitajiet procedurali meta moqrija fid-dawl tal-formalizmu eccessiv li jirrizulta mill-gurisprudenza tal-qrati, iwassal sabiex ic-cittadin isib ruhu fi zvantagg sostanzjali vis-à-vis l-Istat minghajr raguni valida. B'konsegwenza ta' dan, l-Artikolu 460 jista' jwassal sabiex ic-cittadin jigi mcahhad minn rimedju legali li huwa disponibbli ghall-Istat, ghaliex fejn ikun l-Istat illi jkollu pretensjoni ta' natura civili kontra individwu l-ligi ma timponi l-ebda formalitajiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel il-prezentata tal-kawza taht piena ta' nullita`.

---

[11] **Stankiewicz v. Poland** (QEDB, 06/04/2006).

30. Illi ghalhekk, u in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula wkoll fir-rigward tad-dritt ta’ access ghal Qorti, din il-Qorti tqis illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jista’ jwassal ghal lezjoni tad-dritt tal-appellat ghall-ugwaljanza tal-armi ghandha tigi kkonfermata, izda dan limitatament ghar-ragunijiet dedotti f’din is-sentenza.

**Konkluzjoni**

31. Ili tenut kont ta’ dan kollu, ghalkemm kif inghad din il-Qorti ma taqbilx kompletament mad-decizjoni tal-ewwel Qorti ghaliex ma thossx illi l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa minnu nnfisu leziv tad-dritt ghal access ghal Qorti, il-Qorti tqis illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata, izda dan ghar-ragunijiet hawn fuq esposti.

**III. Nuqqas ta’ certezza da parti tal-ewwel Qorti**

32. L-appellanti jargumentaw illi l-fatt illi l-ewwel Qorti iddikjarat illi l-Artikolu 460 x’aktarx jikser l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni juri illi l-ewwel Qorti ma kenitx effettivament certa illi l-Artikolu 460 jiksirx il-jedd ghal smigh xieraq jew le u ghalhekk hemm element ta’ nuqqas ta’ certezza jew ezitazzjoni dwar il-kwistjoni kollha.

33. Minn naha tieghu l-appellat irribatta illi l-uzu tal-kelma “x’aktarx” ma jfissirx illi l-ewwel Qorti ma kienetx certa u illi l-principju ta’ certezza legali ma jinkwadrax ruhu fil-kaz odjern.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

34. Illi l-Qorti tqis illi dan l-aggravju huwa pjuttost fieragh. Qari tal-konsiderazzjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata juri b’mod car illi l-ewwel Qorti kienet konvinta dwar il-konkluzjoni taghha, li waslet ghaliha b’referenza ghall-gurisprudenza tal-qrati Maltin u l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u konsiderazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinicpji applikabbli fir-rigward tad-dritt ta’ smigh xieraq fil-kuntest tal-artikolu impunjat u kif dan gie interpretat u applikat mill-qrati matul is-snin. L-uzu tal-kelma “x’aktarx” irid jigi konsiderat fil-kuntest tal-proceduri odjerni, u cioe` referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li hija intiza primarjament sabiex jigi evitat ksur ta’ drittijiet fundamentali, fejn ghalhekk dak li jkun qed jigi konsiderat ma jkunx necessarjament lezjoni li diga sehhet, izda riskju ta’ lezjoni. Ghalhekk m’hemm xejn stramb jew mhux f’loku illi l-ewwel Qorti uzat il-kelma “x’aktarx.” Wara kollox, kif eccepixxa l-Avukat tal-Istat stess, dejjem hemm il-possibbilita` illi l-eccezzjoni ta’ nullita` bbazata fuq l-Artikolu 460 tal-intimati tigi michuda, f’liema kaz ma jkun hemm l-ebda kwistjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali tar-rikorrent, u huwa proprju ghalhekk illi l-uzu tal-kelma “x’aktarx” huwa adattat f’dawn ic-cirkostanzi.

35. Ghaldaqstant dan l-aggravju ukoll qed jigi michud.

**Decide**

36. Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-intimati tas-27 ta' Novembru 2019 billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, pero` ghar-ragunijiet dedotti f'din is-sentenza, bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb